MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 776/2012

**GasanMamo Insurance Limited C 3143**
**Hekk kif issuuogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Paul Psaila (ID: 158256M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Paul Psaila**

**Vs**

**Kunsill Lokali Sliema**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2012 fejn l-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundana l-Kunsill konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u seba' ewro u tmienja u disghin centezmu (€407.98) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident illi sehh bejn id-9 u l-11 ta'

Marzu, 2012 fi Triq Pace Sliema, meta sinjal tat-trafficu taz-zingu inqala' minn ma' hajt u waqa' ghal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni PAP 222, propjeta ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici u liema vettura kienet ipparkjata fil-mument ta' l-incident u dana stante illi s-sinjal in kwistjoni kien imwahhal mal-hajt b'mod perikoluz u negligenti, u dana unikament tort tal-Kunsill konvenut u minnhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' manutenzjoni xierqa da parti tieghu.

l-ammont mitlub jinkludi s-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) mhallsa bhala excess mill-attur Paul Psaila, illi kien assikurat permezz ta' polza "comprehensive" mahruga mis-socjeta' attrici lid a parti taghha hallset ghall-kumplament tal-hsarat.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Mejju, 2012 il-Kunsill konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju, 2012 u bl-imghaxijiet mill-25 ta' Mejju, 2012 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-Kunsill konvenut, bl-ingunzjoni tal-Kunsill konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-Kunsill konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-Kunsill konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2013 u filfatt il-Kunsill konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u seba’ ewro u tmienja u disghin centezmu (€407.98) bl-imghax legali mill-25 ta’ Mejju, 2012 sal-gurnata tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Mejju, 2012 ikunu a karigu tal-Kunsill konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------